Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' April 2022
(OR. en)

7752/1/22
REV 1
PV CONS 21
SOC 192
EMPL 121
SAN 194
CONSOM 75

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

29 ta' Marzu 2022

# WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 3

2. Approvazzjoni tal-punti "A" ..... 3
   a) Lista mhux leġiżlattiva
   b) Lista ta' deliberazzjonijiet leġiżlattivi

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. COVID-19: l-isfidi li ġejjin għall-istrateġija ta' solidarjetà tal-UE għat-tilqim ..... 4

**Affarijiet oħra**

4. a) Ukrajna: is-sitwazzjoni attwali tas-saħħa u umanitarja ..... 4
   b) Proposti leġiżlattivi attwali ..... 4
   c) Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal pandemiji, u emendi supplimentari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) ..... 5
   d) Laqgħat ministerjali organizzati mill-Presidenza Franċiża ..... 5

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 6

***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 7389/22.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**(a) Lista mhux leġiżlattiva** 7530/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 7530/22 inkluż id-dokumenti COR u REV preżentati għall-adozzjoni.

**(b) Lista ta' deliberazzjonijiet leġiżlattivi (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 7531/22

Agrikoltura

1. Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 dwar il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-KSA fit-28 ta' Marzu 2022
❶C 7140/22 + ADD 1 PE-CONS 84/21

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bil-Finlandja tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 338 TFUE)

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ambjent

2. Deċiżjoni dwar it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP)
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvata mill-Coreper, Parti 1, fit-23 ta' Marzu 2022
❶C 7197/22 PE-CONS 83/21 ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 192(3) TFUE)

**<u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>**

3. COVID-19: l-isfidi li ġejjin għall-istrateġija ta' solidarjetà tal-UE għat-tilqim[1] — 6994/22
*Skambju ta' fehmiet*

**<u>Affarijiet oħra</u>**

**4. (a) Ukrajna: aġġornament dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa u umanitarja** — 7566/22
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

<u>Il-Kunsill</u> irċieva aġġornament mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa u umanitarja fl-Ukrajna **u ħa nota tar-reazzjoni minn bosta delegazzjonijiet**. **Fil-kuntest ta' din id-diskussjoni, il-ministri kellhom l-opportunità li, b'mod informali, jaqsmu l-fehmiet tagħhom mad-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, Andrea Ammon, u d-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, Emer Cooke**.

**(b) Lista ta' deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE** — 12973/20 + ADD 1
*Informazzjoni mill-Presidenza*

<u>Il-Kunsill</u> ġie infurmat mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tar-Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE.

---

[1] Inkluż skambju informali mad-Direttur Eżekuttiv tal-EMA u d-Direttur tal-ECDC.

**(c) Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal pandemiji u emendi supplimentari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)** 7460/22
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal pandemiji u emendi supplimentari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).

**(d) Laqgħat ministerjali organizzati mill-Presidenza Franċiża** 7463/22
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Presidenza dwar il-laqgħat ministerjali organizzati mill-Presidenza Franċiża.

---

L-ewwel qari

Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 7531/22**

**Dwar punt "A" 1:** **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 dwar il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA**

"Il-Finlandja ma tistax tappoġġa r-Regolament fl-intier tiegħu, minħabba li fl-opinjoni tagħna, il-premessa 6 tista' tiġi interpretata bħala li tqiegħed f'riskju l-kunfidenzjalità tad-data statistika. F'konformità mar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea ((KE) Nru 223/2009) u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jiżguraw il-privatezza tal-fornituri tad-data."